MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 66/2013

AB
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu f' Malta fil-knisja ta' Burmarrad fl-ghoxrin (20) ta' Settembru, elf disgha mija wiehed u disghin (1991).

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal ;

3. Illi dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment u l-partijiet kienu gew debitament awtorizzati permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali ;

4. Illi ghalhekk is-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti n-Nutar Stephanie Psaila datat hdax (11)

ta’ Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok. A ;

5. Illi ma hemmx manteniment dovut li huwa pendenti ;

6. Illi l-esponenti ilha separata legalment ghal aktar minn erba’ (4) snin ;

7. Illi ma hemmx possibilta` li l-kontendenti jergghu jirrikonciljaw ;

9. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar l-20 ta’ Settembru 1991 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;
2. Tordna li d-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi;
3. Taghti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha opportun u xieraq.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Frar, 2013;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghas-seduta iffissata mill-Qorti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment

separati mill-11 ta’ Novembru 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut illi huwa pendenti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------